**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 26 – IT-TNEJN, 14 TA' NOVEMBRU 2011 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| David Dalli | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Marica Bayliss | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

### *1 Approvazzjoni Minuti Numru 25*

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'4.3 għandha tidħol "għandu jintalab lil GreenPak jekk hux possibbli jinġabar il-ħġieġ *door to door*". Għandha tiżdied 4.15 taħt 'Komunikazzjoni mis-Sindku' "saret diskussjoni rigward l-iskema 66/2011 Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-Playing Fields Eżistenti. Ġie deċiż li napplikaw għall-playing field Taż-Żwejt minħabba li fil-Kappara ġa hemm skema għaddejja u fil-playing field Karin Grech hemm proġett propost għalhekk jifdal biss il-playing field ta' Taż-Żwejt."

1.2 Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Marica Bayliss issekondat. 8 favur u 1 astensjoni.

### 1 Approvazzjoni tal-Pagamenti 54

1.2 Il-Viċi Sindku ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu

### 3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-responsabilità tad-dawl fit-toroq u fil-ġonna ser tkun għand il-Kunsillier Rita Saliba.

3.2 Saret diskussjoni rigward l-istima għat-tiżjin tal-Milied. Ġie deċiż li l-ammont li jintefaq ikun ta' 1500 Ewro u li t-tiżjin isir biss fi Pjazza Lourdes peress li l-ħwienet ta' Triq in-Naxxar ma għamlu ebda kontribut għal din in-nefqa.

3.3 Ġiet ippreżentata stima ta' 121 Ewro mingħand is-Sur James Sghendo għat-tiswija ta' 5 bozoz. Kien hemm qbil unanimu għal dan ix-xogħol.

3.4 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li jinxtara *tabletop oven* għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.5 Is-Sindku ippropona li jinxtara *tabletop dishwasher*. Il-Kunsilllier Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 7 favur u 2 kontra.

3.6 Saret diskussjoni rigward it-talba għall-parkeġġ riservat fi Vjal ir-Riħan għal Global Security. Il-Kunsill ma jsibx l-ebda oġġezzjoni.

3.7 Saret diskussjoni rigward aġġudikazzjoni tat-*tenders* tal-knis u *public convenience*. Ġie deċiż li tintbagħat ittra għal aktar informazzjoni lill-kuntratturi kollha.

3.8 Saret diskussjoni rigward it-*tender* għal servizzi ta' *Accountant* għall-Kunsill. Ġie deċiż li tintgħażel il-kumpannija PKF peress li din kienet l-unika offerta u kienet prezz raġonevoli.

3.9 Saret diskussjoni rigward iż-żewġ skrivani li ntgħażlu mill-Kunsill.

3.9.1 Is-Sinjura Denyse Scerri għamlet talba biex tiġi mpjegata skala 15 notch 3, peress li hija hekk bdiet l-impjieg tagħha mal-Kunsill tal-Furjana. Is-Sindku ippropona li s-Sinjura Scerri tibda notch 3. Il-Kunsillier Rita Saliba issekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

3.9.2 Rigward is-Sur Godwin Azzopardi ġiet ikkunsidrata t-talba tiegħu biex jingħata ċans sa nhar is-Sibt, 19 ta' Novembru biex jagħti r-risposta. Ġie deċiż li jekk il-Kunsill ma jirċevix risposta sa din il-ġurnata, il-Kunsill ikompli bil-proċess ta' ingaġġ mal-ETC.

Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mill-laqgħa (6:30pm).

Saret waqfa ta' 15-il minuta.

**4 Affarjiet Oħra**

4.1 Saret diskussjoni rigward lista ta' talbiet li hemm bżonn li ssir lil *Transport Malta*. Il-Viċi Sindku David Dalli ippropona li tiġi approvata din il-lista. Il-Kunsillier Violet Bajada issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier Joan Farrugia skużat ruħha mill-laqgħa (7:11pm)

4.2 Saret diskussjoni fuq il-kwotazzjoni tal-Kumpannija Proman għal xogħol fuq il-*litterbins* ta' madwar il-lokal. Ġie deċiż li jintalbu żewġ kwotazzjonijiet oħra.

Il-Kunsillier Rita Saliba skużat ruħha mill-laqgħa (7:20pm)

Il-Kunsillier Joan Farrugia daħlet għal-laqgħa (7:25 pm)

4.3 Saret diskussjoni rigward talba ta' resident li joqgħod fi Triq Willie Apap biex din it-triq tiġi *One Way* l-isfel. Il-Kunsillier Joan Farrugia ipproponiet li ssir talba lil dan ir-resident biex issir petizzjoni. Il-Kunsillier Neville Mallia issekonda. Kien hemm 4 favur (Joan Farrugia, Neville Mallia, Anthony Mifsud Bonnici u Mikhail Micallef) u 3 kontra (David Dalli, Marica Bayliss u Violet Bajada). Il-petizzjoni

għandha tinkludi residenti fi Triq Willie Apap, Anton Inglott, Vincenzo Hyzler, Ugo Carbonaro u Briffa.

4.4 Saret diskussjoni rigward talba ta' resident biex Sqaq Qasbi ssir *One Way*. Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li Sqaq Qasbi ssir *One Way*. Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm 3 favur (Neville Mallia, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia) u 4 kontra (Marica Bayliss, Violet Bajada, Mikhail Micallef u David Dalli).

4.5 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li tintalab għal *Disabled Parking* quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.6 Il-Kunsillier Neville Mallia ppropona li tintalab għal *reserved parking* quddiem il-Kunsill għall-vettura tal-Kunsill. Ma kienx hemm sekondant.

4.7 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li jinbidlu u/jew jissewwew it-tabelli madwar il-lokal li hemm bżonn. Il-Kunsillier Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.8 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ippropona li ssir *no objection* għall-bini ta' rampa għall-aċċess fi Triq Sardinella għall-persuni b'diżabilità. Il-Kunsillier Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Għandha ssir ko-ordinament mas-Segretarju Eżekuttiv.

4.9 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ġab għall-attenzjoni l-problema ta' aċċessibiltà għall-anzjana għal darha li qed tinħoloq minħabba *crane* li qed jaħdem fis-*service road* fi Vjal ir-Riħan. Għandu jsir kuntatt mal-*Authorized Officer* tar-Reġjun Ċentrali.

4.10 Il-Kunsillier Marica ipproponiet li jitqassmu *hampers* tal-frott lill-anzjani li ma joħorgux mid-dar. Il-Viċi Sindku David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.11 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni għall-uniformi tal-*helpers* tad-*Day Care Centre*. Il-Kunsillier Marica Bayliss ipproponiet li tiġi aċċettata din il-kwotazzjoni. Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici issekonda. Kien hemm 3 favur, 1 kontra u 3 astensjoni. Il-proposta għaddiet.

4.12 Saret diskussjoni fuq l-ikla tal-Milied. Il-Kunsillier Marica Bayliss ippreżentat tliet kwotazzjonijiet u ipproponiet li mmorru l-Fra Martino bi prezz ta' 22 Ewro. Il-Kunsillier Neville Mallia issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.12.1Il-Kunsillier Mikhail Micallef ippropona li ssir fit-12 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru fil-5.30pm.

__________________________ __________________________

**Etienne Bonello Du Puis** **Kurt Guillaumier**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**